**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Vincenza Spiteri

vs

Right Deal

24 ta' Lulju 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti tad-19 ta' Ottubru 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €877.00, prezz ta' forn u washing machine, mixtrija minghand id-ditta konvenuta, allegatament mhux tal-kwalita pattwita.

Ra r-riposta tas-socejta intimata fejn dina cahdet l-allegazzjoni tar-rikorrenti.

Sema x-xhieda bil-gurament.

ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi fis-26 ta' Lulju 2016, l-attrici xtrat minghand is-socjeta' konvenuta, washing machine Meister u form tal-istess ditta ghall-prezz total ta' €859.00, b'sentejn garanzija fuq parts u labour u hames snin fuq il-mutur.

Illi dakinhar li l-appliances gew konsenjati lill-attrici, dina dehrila illi dawna ma kienux tad-ditta Meister imma ta' xi ditta ohra. It-technician pero qalilha li t-tabella Meister kelha tkun fuq in-naha ta' wara tal-appliances. L-attrici qalghat l-istickers allegatament imwahhlin mal-packaging (Doc C) u allegat li fil-fatt dawn kienu manifatturati t-Turkija u mhux il-Germanja u r-rapprezentant taghhom kien General Gas Ltd minn Ventura fiz-Zejtun. L-attrici tghid li hi kkuntattjat lil ta' Ventura li qallha li ma kienux Meister imma maghmulin fit-Turkija u li jiswew hafna inqas minn dak illi hallset hi. Ir-rikorrenti ghalhekk ma reditx taccetta dawn l-appliances u talbet lis-socjeta' konvenuta tehodhom lura

Illi s-Sur Bugeja ghan-nom tas-Socjeta' Konvenuta wiegeb li kien minnu li s-Sinjura Vincenza Spiteri xtrat washing machine u forn minghand id-ditta tieghu. Giet personalment il-hanut taghhom ghal darba, darbtejn - darba minnhom akkumpanjata mit-tifel taghha. Ghazlet l-appliances partikolari u kienu dawn li gew konsenjati lilha. Insista li l-appliances huma tad-ditta Meister u li qatt ma kellhom u lanqas qassmu xi appliances ta' ditta ohra msemmija mir-rikorrenti. Qal ukoll li

r-rikorrenti qatt ma rrapurtat xi hsara f'dawn l-appliances u ghalhekk is-socjeta' tieghu ma accetatx it-talba li jiehdu lura dawn l-appliances.

Ikkunsidra

Ghal dawk li huma provi, l-attrici pprezentat biss zewg stickers li allegatament kienu imwahhlin mal-packaging illi pero' ma jaghtu l-ebda informazzjoni dwar l-origini taghhom. Il-kliem imnizzel fuq dawn l-istickers u t-telephone mumber huma miktubin minn l-attrici jew minn xi hadd kummisjonat minnha. L-anqas ir-ritratti ezebiti ma huma ta' konfort peress illi dwan mhumiex daqshekk cari ghad illi l-isem Meister jista' jigi identifikat fuq il-forn. Fuq il-washing machine jidher xi haga sfukat hafna li ma jistax jigi decifrat - jista' jun li huwa Meister - li r-rikorrenti tghid li wahhlu t-technician wara l-konsenja.

Ikkunsidra

Bil-provi bhal dawn, difficli biex r-rikorrenti tilhaq dak il-grad ta' probabilta' rikjest mill-ligi ghas-success tal-istanza taghha. L-istickers esebiti mhumiex konklussivi u wahedhom mhumiex ta' indikazzjoni li l-appliances huma ta' xi ditta jew ohra. Il-kliem miktubin bil-biro l-anqas ma huma xi prova peress li l-provenjenza taghhom mhuwiex maghruf.

It-Tribbunal kien jippretendi li l-attrici itella' bhala xhud lil rapprezentant ta' Ventura taz-Zejtun u t-technician li installa l-appliances, jew almenu affidavit taghhom jew ta' wiehed minnhom. Ippretenda wkoll illi jitla' jixhed it-tifel tal-attrici li kien maghha almenu darba. Minn dan kollu, l-attrici m'ghamlet xejn meta kellha l-facilita' tissustanza u tikkorrobora x-xhieda taghha bi provi konkreti. Jekk wara li xtrat l-appliances kellha xi ripensament dana missu ratu qabel m'ghamlet l-ordni u hallset il-prezz ghalihom. Fil-fattura tal-bejgh, tidher id-ditta Meister u huwa propju dan l-isem li jidhru fir-ritratti ezebiti mill-attrici. Ma hemm l-ebda prova li l-appliances konsenjati kienu differenti minn dawk illi rat r-rikorrenti fix-showroom tad-ditta konvenuta.

Bhalma jghallem id-dritt Ruman 'caveat emptor' - let the buyer beware. Ir-rikorrenti kellha kull opportunita' tispezzjona dak li kienet qed tixtri. Marret darbtejn il-hanut tas-socjeta' intimata u ghalekk xtrat wara li ghamlet l-ghazla taghha u issa a tistax tilmenta li ma tridx dak li xtrat.

Min-naha l-ohra, ma hemm l-ebda prova li s-socjeta' konvenuta konsenjat xi haga differenti minn dak li l-attrici ordnat u ghalhekk fin-nuqqas ta' provi li almenu jlahhqu l-grad ta' probabbilta' it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba attrici. Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**